MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 241/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Wayne Scott Schembri**

Il-Qorti,

Rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li sabet li l-imsemmi Wayne Scott Schembri naqas milli jottempera ruhu ma’ l-ordni ta’ *probation* maghmul bis-sentenza ta’ dik l-istess Qorti ta’ l-24 ta’ Marzu 2004, iddecidiet billi kkundannat lill-istess Wayne Scott Schembri ghal tliet xhur habs (**recte:**

prigunerija) filwaqt li ordnat li tinzamm fis-sehh l-ordni ta' *probation* imsemmi ghaz-zmien li fadal, u rrakkommandat lid-Direttur tal-Habs biex jiehu dawk il-mizuri kollha li ttih il-ligi għad-dispozizzjoni tieghu biex l-appellant (allura imputat) (a) jiehu l-kura kollha mehtiega b'sehh immedjat; u (b) jithejja halli jkun jista' jsegwi programm biex forsi jkun jista' jieqaf mill-abbuz tad-droga qabel ikun tard wisq;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Wayne Scott Schembri pprezentat fl-10 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah talli naqas li joqghod ghad-direttivi tal-*Probation Officer* u ghalhekk kiser kundizzjoni cara mposta mill-istess Qorti fis-sentenza tagħha ta' l-24 ta' Marzu 2004 u, minghajr pregudizzju, fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tirriforma l-piena ghal wahda iktar gusta u ekwa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-atti ta' din il-kawza jirrizulta li l-appellant kien tressaq b'citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat li fl-24 ta' Settembru 2000 u l-ahhar sena qabel dik id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina. Fl-24 ta' Marzu 2004 huwa rregistra ammissjoni u dik il-Qorti ghamlet ordni ta' *probation* skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446 taht il-harsien ta' ufficjal tal-*probation* ghal perijodu ta' sentejn.

Permezz ta' nota tad-19 ta' Ottubru 2004 l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon iddenunzjat lill-appellant lill-Ewwel Qorti talli naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu minnha, jigifieri li joqghod 'il boghod mill-abbuz tad-droga sabiex tigi assigurata r-rijabilitazzjoni tieghu.

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li jghid li ma kiser l-ebda kundizzjoni tal-*probation* ghaliex huwa qed jaghmel dak kollu sabiex jircievi l-kura ghad-dipendenza tad-droga izda mhux qed ikollu s-successi mixtieqa minnu u dawk li qed jaghtuh il-kura.

Fix-xiehda li tat Marietta Lanzon quddiem l-Ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, hija qalet li l-appellant kiser l-ordni tal-*probation* peress illi baqa’ jabbuza mid-droga u ma qghadx ghall-ordnijiet taghha minn dak l-aspett.

Fil-fehma tal-Qorti, minn ezami tax-xiehda ta’ Marietta Lanzon, ma hemm l-ebda raguni sabiex tvarja l-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti li l-appellant effettivament kiser l-ordni tal-*probation* maghmul bis-sentenza ta’ l-24 ta’ Marzu 2004.

L-appellant pero` jilmenta wkoll dwar il-piena li jghid li hija esagerata u mhux ekwa ghar-reat li gie misjub hati tieghu u fic-cirkostanzi tal-kaz.

Il-piena hija zgur fil-parametri stabbiliti mil-ligi u li kieku ma kienx hemm zviluppi pozittivi fil-mori ta’ dan l-appell, din il-Qorti ma kinitx tvarja d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti.

Fis-seduta ta’ l-20 ta’ April 2005 Carmel Cremona xehed li l-appellant kien ilu hmistax-il gurnata jattendi l-Harm Reduction Unit tal-CARITAS li jinsab il-Furjana, centru residenzjali fejn issir preparazzjoni ghal dawk il-persuni li jkunu se jipprocedu ghal San Blas. Jirrizulta pero` li l-appellant ma kompliex il-programm tal-CARITAS u minflok rega’ beda l-kuntatti tieghu mas-SEDQA.

Fi-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2005 xehdet Josette Camilleri, *social worker* ma’ l-Agenzija SEDQA. Hija qalet li l-ewwel darba li l-appellant kien mar l-Agenzija kien fid-29 ta’ Ottubru 1998. Mis-26 ta’ Mejju 2005 beda jattendi ghal *counseling* u kien qieghed inaqqas il-*methadone* bil-mod. Sakemm regghet xehdet fis-16 ta’ Jannar 2006, huwa kien dahal Dar l-Impenn sabiex jigi ditossifikat u kien ilu gimgha fil-Komunita` ta’ Santa Maria.

F’dawn ic-cirkostanzi, wara l-isforzi kollha li saru kemm mill-appellant kif ukoll minn hafna nies li jixtiequ biss jarawh rijabilitat u peress illi issa l-appellant jidher li, kuntrarjament ghal dik li kienet is-sitwazzjoni meta nghatat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, qieghed juri determinazzjoni sabiex jeghleb il-problema tal-vizzju tad-droga li hakmitu, din il-Qorti tqis li huwa opportun, kemm ghall-istess appellant kif ukoll ghas-socjeta`, li jinghata din l-opportunita` ahharija biex ikompli l-process ta' rijabilitazzjoni. Ghal dan il-ghan sejra tirriforma s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti in kwantu kif ittrattat mieghu u sejra tittratta mill-gdid ma’ l-appellant a tenur ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 bhallikieku ghadu kemm gie dikjarat hati tar-reat li tieghu kien originarjament dikjarat hati bis-sentenza ta’ l-24 ta’ Marzu 2004.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu sabet li l-appellant naqas milli jottempera ruhu ma’ l-ordni ta’ *probation* maghmul skond is-sentenza ta’ l-24 ta’ Marzu 2004 u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet xhur u zammet fis-sehh l-ordni ta’ *probation* moghti fl-24 ta’ Marzu 2004 ghall-bqija taz-zmien li fadal, u minflok tittratta mieghu mill-gdid billi, filwaqt li thassar l-ordni ta’ *probation* maghmul bis-sentenza msemmija ta’ l-24 ta’ Marzu 2004, taghmel ordni tal-*probation* gdid a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li permezz ta’ tali ordni l-appellant ikun taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal perijodu ta’ sentejn millum u ghandu josserva l-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, inkluz fosthom il-kondizzjoni li jikkompleta programm shih ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema ta’ l-abbuz tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-appellant il-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josserva l-kondizzjonijiet ta' l-ordni ta' *probation*.

Tordna notifika minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------